**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana**

## Laqgħa Nru. 19-07/2016

Data: 20 ta' Lulju 2016

Hin: 2.00pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Floriana

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Davina Sammut Hili | – *Sindku* |
| | Vincent Borg | – *Viċi Sindku* |
| | Matthew Paris | - *Kunsillier* |
| | James Aaron Ellul | - *Kunsillier* |
| | Albert Demarco | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | – Aġent *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | 0 | |
| Assenti: | Michaela Farrugia (Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ) | |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

9. Rapport Annwali Amministrattiv
10. Vakanza ta Segretarju Eżekuttiv
11. Offerti Pubbliċi
12. Skema ta Parkeġġ Residenzjali
13. Proġetti u Xogħlijiet
14. Traffiku u parkegg
15. Ġonna u Soft areas
16. Attivitajiet Kulturali
17. Akkedemja tal-Futbol ta Justin Haber
18. Aġġornament.

## Minuti - 19-07/2016

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tas-sittax (18)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.1.1. Il-Viċi Sindku Vincent Borg ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 5 (VB, MP, DSH, JAE, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.1.2. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

## 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-materja 2.3 u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta fuq it-talba għal-laqgħa mas-Sur Jason Micallef, V-18.

2.1.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ma irċeviex risposta.

2.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem fuq materja 2.4 rigward ir-rampi fl-aħħar loġoġ ta Sant Anna, il-blokka fejn jinsabu ROCS Group.

2.2.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li il-Kunsill ġie mitlub li jibgħat xi dettalji sabiex issir verifika minn Transport Malta x'jista' jsir..

2.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 2.7 u staqsa jekk saritx verifika neċessarja fir-rigward tal-Stop Signs.

2.3.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg irrimarka li tagħmel sens li jkun hemm tnejn, anke għal fatt li hemm l-iskola. Huwa żied jgħid li jeżistu senjalazzjonijiet simili.

2.3.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul issuġġerixxa li isiru ukoll it-tabelli relevanti.. Il-Kunsill qabel.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lil Kunsill li l-Floriana Basketball Club kienu jorganizzaw il-laqgħat tagħhom ġewwa l-lukanda Phoenicia, madankollu, minħabba rinnovazzjoni fil-lukanda, dan preżentement ma jistax isir. Għaldaqstant, is-Sur Amaira talab lil Kunsill dwar il-possibbiltà li temporanjament, il-Kumitat iżomm il-laqgħat tiegħu fis-sede tal-Kunsill. Is-Sindku offriet li tiftaħ u tagħlaq is-Sede hi.

3.1.1. Wara diskussjoni libera, il-kunsill qabel li joffri kamra sabiex jinżammu il-laqgħat tal-kumitat, b'dawn il-kundizzjonijiet.

- Preferibbilment, il-laqgħat isiru is-Sibt filgħodu, jew matul il-laqgħa tal-Kunsill, biex b'hekk ma jkunx hemm problema u rbit għal min jiftaħ u jagħlaq is-Sede.
- Ma jkunx hemm spejjeż involuti.
- Laqgħat idumu sa massimu ta sagħtejn, darba fix-xahar.

3.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili tkellmet dwar il-gwardjani lokali, u ssuġġerixxiet li tintbagħat ċirkolari lir-residenti fejn dawn jiġu infurmati li l-Kunsill ma jibgħat gwardjani, u li dawn mhumiex fil-kontroll tal-Kunsill.

3.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat ċirkolari b'dan il-messaġġ kif ukoll jiżdiedu messaġġi oħra ġenerali tal-Kunsill.

3.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili tkellmet dwar il-parkeġġ riservat li hemm u li huwa intitolat għalih tal-UHM. Is-Sindku infurmat li intalab il-parir tal-Avukat, li innota li l-approvazzjoni ma tinkludi l-ebda raġuni. Huwa informa li skont ir-regoli tal-lum il-UHM mhumiex intitolati.

3.3.1. Il-Kunsill qabel li tintalab kjarifika dettaljata mingħand Transport Malta.

## 4. Korrispondenza

4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mingħand il-Parti Nazzjonalista rigward attivitajiet tal-Indipendenza fuq il-Fosos. Il-Kunsill innota l-informazzjoni u ma sabx oġġezzjoni.

4.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mingħand Refab Malta, li titratta tpoġġija ta reċipjent sabiex jiġi miġbura u riċiklati tessuti u aċċessorji relati ma' ħwejjeġ, żraben u oħrajn.

4.2.1. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju, bil-kundizzjoni li titpoġġa fejn il-Bring in Site ta ħdejn il-MEPA, titbattal 3 darbiet fil-ġimgħa, u li l-Kunsill iżomm id-dritt li jirtira l-approvazzjoni, flimkien mal-kundizzjonijiet ġenerali tal-Kunsill.

4.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand l-istabbiliment Chef's Plate fejn talab l-permess tal-Kunsill għal tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment tagħhom, għal perjodu ta tlett ġimgħat u dan sakemm jinħareġ il-permess neċessarju mill Planning Authority.

4.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu jitlob iktar dettalji, fosthom site-plan, u qisien rikjesti.

4.3.2. Il-Kunsill innota ukoll li permessi simili ma jistax jingħataw għal tul ta żmien kif talab l-applikant

4.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk għadux interessat jipproċedi bil-bye-law ta Reġistrazzjoni ta Garaxxijiet.

**NB – 2.36 p.m – Il-Kunsillier Matthew Paris, talab li jkun skużat.**
**– 2.36 p.m – Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet li tkun Skużata**
**– 2.37 p.m – Is-Sindku Davina Sammut Hili attendiet għal-laqgħa**

4.4.1. Wara diskussjoni libera, il-membri preżenti qablu unanimament li jitkompla l-proċess.

4.5. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Camilleri, sid il-kumpanija Castille, fejn talab lil-kunsill sabiex titnaqqas it-tariffa tal-permess tal-iscaffolding, u dan bil-għan li l-kumpanija taħmel il-manutenzjoni fil-faċċata tat-tieni sular, u tas-sulari l-ġodda li ser jibnu.

**NB – 2.36 p.m – Il-Kunsillier Matthew Paris, attenda għal laqgħa**

4.5.1. Il-Kunsill innota li din hija entita kummerċjali, fejn kontra għal dak li jemmen fih il-Kunsill, residenza privata qed tiġi mibdula f'uffiċju, u dan anke xorta wara li l-kunsill ressaq l-oġġezzjoni tiegħu mal-Mepa fuq dan il-permess u oħrajn tal-istess natura.

4.5.2. Il-Kunsill żied jgħid li dan juri biċ-car kemm il-Mepa ma tagħtix widen lil Kunsill

4.5.3. Għaldaqstant, wara diskussjoni libera, il-Kunsill m'approvax it-talba tas-Sur Camilleri.

4.6. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Burnell, li talab il-permess tal-Kunsill sabiex ipoġġi Vending Machine fejn il-latrini pubbliċi ta ħdejn Bieb il-Bombi.

4.6.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tintalab site plan lill-applikant u sussegwentement il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jiddeċiedi.

4.7. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand l-Maltapost fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jipparkjaw vettura storika u kummerċjali, sabiex iservi ta selling point, ħdejn il-Valletta Waterfront.

4.7.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jinġabu in-no objection ta Transport Malta kif ukoll siteplan, u sussegwentement jiġi ikkunsidrat il-ħruġ tal-permess bil-kundizzjonijiet ġenerali u applikabbli tal-Kunsill.

4.8. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand l-District Operations Ltd, fejn ressqu għal firma, il-Memorandum of Understanding, bejn il-Kunsill u l-Kumpanija.

4.8.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ma qabilx jiġi iffirmat l-agreement, sakemm ma jkunx hemm direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4.9. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-progett *The Strategy for Innovation and Good Governmance at Local Level and the European Label of Governance Excellence.*

4.9.1. Il-Kunsill qabel li isir ix-xogħol neċessarju relatat mal-proġett.

4.10. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet invit mill-Kunsill ta' Macerata, fejn invitaw lil Kunsill jipparteċipa fil-festi tagħhom, waqt l-istess attivitajiet, jiġġeddu ir-relazzjonijiet formalment. Huma invitaw delegazzjoni ta 4 persuni.

4.10.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa, u għandhom jitilaw is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi Sindku, r rappreżentant tal-Kumitat tal-Relazzjonijiet Nazzjonali u Internazzjonali.

4.10.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jinxtraw mementos addattati għall-okkażjoni.

4.11. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mill Kuntrattur tal-Ġbir ta Skart Goff, is-Sur Malcolm Dimech, Dimbros Ltd, fejn informa li huwa mhux lest li jirritorna lura l-formoli tal-*Consignment Notes*, sakemm il-Kunsill ma jħallsux tax-xogħol addizzjonali li allegatament qed jagħmel.

4.11.1. Il-Kunsill innota li spiss ikun hemm materji differenti li jiġu diskussi mill-Kunsill fuq dan il-Kuntrattur.

4.11.2. Is-Sindku infurmat li dal-kuntrattur dejjem b'xi skuża, u b'xi kwistjoni.

4.11.3. Il-Kunsill innota li l-atteġġjament ta dan il-Kuntrattur f'dan il-każ partikolari, qed iżomm għandu dokumentazzjoni propjetà tal-Kunsill fil-pussess tiegħu, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, u fuq liema xogħol ma l-ebda jedd jitlob ħlas addizzjonali.

4.11.4. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għanda tintbagħat ittra mil-Avukat tal-Kunsill sabiex jirritorna immedjatament id-dokumenti relevanti, fi żmien ġimgħa. F'każ li dan ma jaderixxix mal-istruzzjonijiet tal-Kunsill, dan ikun ikkunsidrat bħala breach of contract, u l-Kunsill iżomm id-dritt li jfittxu għad-danni, u jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa u xierqa

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm bdil fl-organizzazzjoni tal-MTV

5.1.1. Is-Sindku infurmat li fill-fatt, kien hemm kambjament radikali, kemm fil-persuni inkarigati mill-organizzazzjoni, kif ukoll mill kunċert per se, minħabba żieda fis-sigurtà

5.1.2. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-Kunsill kien jistħoqqlu trattament aħjar. Huwa semma il-fatt li kien hemm ħafna toroq klerjati mill-karozzi, għalxejn, u safrattant dawn spiċċaw okkupati minn persuni li ġew għal-kunċert.

5.1.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li anke hi kellha ħafna argumenti dak inhar, minħabba li filwaqt li l-organizzaturi kienu iffukati fuq is-sigurtà, dan kien għad-detriment tar-residenti u tal-komunità kollha Furjaniża.

5.1.4. Il-Kunsill innota li madankollu, ix-xogħol ta wara l-MTV, fostom it-tindif kien wieħed tajjeb ħafna.

5.1.5. Il-Kunsill għalhekk qabel li tintbagħat ittra lill-organizzaturi, fejn jelenka dawn il-punti, kemm il-pożittiv, kif ukoll in-negattiv.

5.1.6. Il-Kunsill innota wkoll li din kienet l-ewwel sena, dak inhar tal-kunċert, fuq il-Fosos kien hemm il-membri kollha tal-Kunsill.

5.2. Il-Kunsillier Matthew Paris tkellem dwar l-għotja li l-Kunsill irċieva mill-MTA bħala *Corporate Social Responsibility*, relatat mal-Kunċert tal-Isle of MTV, u staqsa lis-Sindku jekk din l-għotja hijiex l-istess għotja li l-Kunsill iddiskuta ftit tax-xhur qabel.

5.2.1. Is-Sindku ikkonfermat li huwa l-istess *agreement.*

5.2.2. Is-Sindku żiedet tgħid li l-Perit ingħata l-istruzzjonijiet neċessarji sabiex jirrakkomanda liema parti tal-proġett jista jsir bil-fondi mgħotija.

5.2.3. Il-Kunsillier Matthew Paris irrakkomanda li l-Kunsill ikellem lil Ambaxxata Amerikana, biex, insegwu ta dak li ħallew warajhom meta kienu joperaw mill-Floriana, jagħmlu l-istess bħal MTA, u jiffinanzjaw parti mill-proġett, biex b'hekk il-valur komplessiv jiżdied.

5.3. Il-Kunsillier Matthew Paris għamel referenza għal fanali ornamentali tal-Fosos, u staqsa meta ser jeħlu u jinxtegħlu.

5.3.1. Is-Sindku infurmat li dawn għandhom jerġgħu jitpoġġew f'posthom wara l-kunċert ta Joseph Calleja

5.3.2. Is-Sindku talbet lil Kunsillier Albert Demarco sabiex jieħu ħsieb li sal-laqgħa li jmiss, isir ix-xogħol neċessarju sabiex dawn jinxtegħlu

5.4. Il-Kunsillier Matthew Paris tkellem rigward il-kummerċ waqt il-Kunċert tal-Isle of MTV, u sussegwentement il-laqgħa li ser tiġi organizzata bejn il-Ministru responsabbli u s-sidien tal-istabbilimenti kummerċjali relevanti.

5.4.1. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Sindku jekk inżammitx xi laqgħa simili mal-Pulizija. Is-Sindku wieġbet li ma kienetx infurmata b'laqgħa simili.

5.4.2. Il-Kunsillier Matthew Paris wera d-dispjaċir tiegħu li l-istabbilmenti ta-ikel u x-xorb fil-viċinanzi tal-fosos ma tħallewx kollha jarmaw u jbiegħu minn barra l-ħanut tagħhom. Huwa enfasizza li jew kullħadd, jew ħadd, u m'għandiex issir diskriminazzjoni.

5.5. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-*mobile toilets* waqt il-Kunċert tal-Isle of MTV, u staqsa lis-Sindku jew sarx xi arranġament differnti minn dak maqbul dwaru.

5.5.1. Is-Sindku infurmat li ma kien hemm l-ebda approvazzjoni mill-Kunsill għat-tibdil li seħħ, u li dan sar mill-organizzaturi. Hija infurmat li kieku mhux għax intervjeniet hi, is-sistema kienet ser tkun ferm iktar differenti, bid-detriment għar-residenti.

5.6. Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa li fi ġnien il-Mall qed ikun hemm nies reqdin fuq il-bankijiet, u ġieli anke konsum tal-Alkaħol. Huwa staqsa jekk hux possibli issir xi ħaġa dwar dan.

5.6.1. Is-Sindku infurmat li ser tagħddi ir-rapport lil-Pulizija

**NB: 3.40 p.m. - Il-laqgħa ġiet xolta.**
**3.47 p.m. - Il-laqgħa tkompliet.**

5.7. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk hemmx żvilupp fil-proċess ta ħasil tat-toroq

5.7.1. Is-Sindku infurmat li l-Cleansing jistaw jagħmlu dan ix-xogħol, preferibbilment wara s-7.00pm.

5.7.2. Is-Sindku talbet lil Kunsilliera sabiex jibgħatu lista ta toroq li jixtiequ li jinħaslu sa nhar it-Tnejn.

5.7.3. Il-Kunsill qabel li meta jkun ser isir ix-xogħol, jitwaħħlu tabelli sabiex ir-residenti ikunu infurmati.

5.8. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku dwar l-istat tas-subways ta Triq Sant'Anna, u dan wara numru ta' ilmenti li irċieva huwa fejn jidħol dwal. Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal iżda li t-tindif tas-subways huwa wieħed tajjeb.

5.8.1. Is-Sindku infurmat li ser tgħaddi l-ilment lil Transport Malta.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Ma kienx hemm materji diskussi.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ippreżentat l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 15/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Is-Segretarju informa li wara li intbagħtet l-iskeda waslu kontijiet ta Building and Design Consultants li jammonta għal €430, u ta Road Servicing Ltd, hekk kif ċertifikat mill-Perit, ta €18382.99 u Retention addizzjonali ta €2,042.56. Huwa informa li dawn il-kontijiet huma relatati max-xogħol li sar fil-proġett tal-Polverista u l-bankini ta Madwar il-Blokka tal-Housing, Binja Vilhena. Huwa fakkar li dawn il-ħlasijiet għandhom jiġu rimbursati mill-Awtorita' tad-Djar.

7.1.2. Il-Kunsill qabel li dawn għandom jigu inklużi mal-iskeda.

7.1.3. Il-Kunsillier Matthew Paris astjena mill-pagamenti numru 32, 35,

7.1.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier James Aaron Ellul u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti bir-rizultat kien:

Favur: 5 (JAE, MP, DSH, VB, AD)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ippreżentat ir-rapport Finanzjarju tat-Tieni kwart tas-Sena 2016, u li ġie iċċirkolat minn qabel

7.2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li id-dħul kien iktar minn dak previst, u fl-istess waqt, l-ispejjez li saru kienu marġinalment iktar ukoll, madankollu, il-Kunsill kompla iżomm mal-pass pożittiv tiegħu, u rnexxielu iħalli *surplus* ta' €2901

7.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Albert Demarco u ssekondata mill-Viċi Sindku Vince Borg, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport bir-rizultat kien:

Favur: 5 (AD, VB, DSH, JAE, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1. Ma Kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq

## 9. Vakanza ta Segretarju Eżekuttiv

9.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-Bord iltaqa' għall-ewwel darba, u fejn ġiet ivverifikata l-eliġibilta tal-applikanti. Irriżulta li mill-applikazzjonijiet riċevuti, għaxra kienu eliġibbli u sitta ma kienux minħabba li ma kienux fil-lista approvata mid-dipartiment tal-Gvern Lokali ta Segretarji Prospettivi L-intervisti ġew iffissati għall-Ħamis u il-Ġimgħa 21 u 22 ta Lulju 2016, jibdew mis-1.00pm.

## 10. Offerti Pubbliċi

10.1. Is-Sindku ppreżentat l-iskeda tal-offerti riċevuti għall-kameras tas-sigurta'.

10.2. Il-Kunsill qabel li l-offerti għandhom jgħaddu għand bniedem tekniku sabiex jiġi ivverifikat li huma konformi mar-rekwiżiti

## 11. Skema ta Parkeġġ Residenzjali.

11.1. Is-Sindku infurmat li dokument li jirregola l-iskema, kif propost mill-Bord imwaqqaf, ġie mgħoddi lil-Avukat tal-Kunsill għal verifiki neċessarji.

11.2. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Uffiċju Amministrativ ikkonkluda l-eżerċizzju neċessarju ta validazzjoni tal-lista eżistenti.

## 12. Proġetti u Xogħolijiet

12.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili tkellmet rigward il-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar li l-Kunsill ġie mogħti sabiex jitwaħħlu bollards fil-lokalita.

12.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jibda ix-xogħol, f'dawn it-toroq, f'ordni ta prijorita': Pjazza Papa Ġwanni XXIII, Triq il-Konservatorju

## 13. Traffiku u Parkeġġ

13.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li persuna għaddiet talba sabiex isir *Bus Shelter* fejn il-Fosos ta Pjazza Robert Sammut, liema suġġeriment għadda lil-Transport Malta.

13.1.1. Madankollu il-Kunsill innota li ma jaqbilx li jitwaħħal *Bus Shelter* fejn propost minħabba l-estetika tal-pjazza.

## 14. Ġonna u Soft Areas

14.1. Il-Kunsillier Matthew Paris, irrimarka li ċ-Ċentru Rikreattiv Re Ġorġ V, u l-Ġnien Sir Luigi Preziosi qed ikunu kemxejn maħmuġin. Huwa semma li dan qed jiġi ikkaġunat mill-boċċi li jwaqqaw is-siġar li hemm fil-ġonna imsemmija, kif ukoll il-Funtani li mhux qed jiġu imnaddaf kif xieraq, bil-konsegwenza ta' ħafna nemus.

14.1.1. Il-Kunsill innota li l-Ġonna huma responsabiltà tal-Kuntrattur, filwaqt li l-funtani huma responsabiltà tal-ħaddiem manwali tal-Kunsill.

14.1.2. Il-Kunsill qabel li dawn il-punti għandhom jinġabu għall attenzjoni tal-persuni involuti.

14.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul semma kif fi Ġnien il-Mall allegatament qed ikun hemm nies li jixorbu l-alkohol, u jimteddu fuq il-bankijiet sabiex jorqdu.

14.2.1. Il-Kunsill qabel li għandha tinġagħab din il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-Pulizija.

## 15. Pubblikazzjoni ta Ktieb

15.1. Is-Sindku infurmat li ġiet avviċinata mill-awtur s-Sur Joe Bugeja, fejn wera ix-xewqa li jiġi ippublikat ktieb dwar il-Furjana, partikularment, dwar il-passat, il-preżent, u il-ħajja fil-Floriana.

15.1.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li s-Sur Bugeja għandu jipprovdi iktar informazzjoni fuq din it-talba, u dan billi jipprovdi proposta formali li għanda tinkludi iktar dettalji fuq il-Pubblikazzjoni innifisha, u l-ispejjeż relevanti.

## 16. Clean Up Day

16.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li inżammet laqgħa mas-Sur Ramon Deguara, Direttur tad-Direttorat tat-Tindif, fejn ikkonferma id-disponibilta' tad-direttorat sabiex jgħin fl-attivita' Clean Up Floriana tas-Sena 2016

16.2. Is-Sindku talbet li jiltaqa' is-sottokumitat relevanti sabiex jibda isir ix-xogħol preparatorju ta din l-attivita'.

16.3. Il-Kunsill qabel li l-attivita' għandha tinżamm ġimgħa qabel Ġenna ta' Ġonna 2016

NB: 4.35 pm – Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skużat.

## 17. Akkademja tal-Futbol ta Justin Haber

17.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-Akkademja ta Justin Haber naqset milli tirrimborsa lill-Kunsill l-ispejjeż relatati mal-użu tad-dwal, anke wara li intbagħtu diversi notifiki. Hija infurmat li sar pagament permezz ta ċekk, liema ċekk ma ġiex onorat mill-bank.

17.2. Hija żiedet tgħid li ingħataw numru ta skadenza, iżda ma kienux ġew onorati.

17.3. Il-Kunsill qabel li għanda tintbagħat l-aħħar notifika, fejn għandu jingħata għaxart'ijiem ċans, u f'każ li ma jsirx il-ħlas kollu dovut, jittieħdu l-passi neċessarji, fostom, li jinqata is-servizz tad-dawl, u li jiġi irtirat l-aċċess għall-faċilitajiet.

## 18. Aġġornament tal-Laqgħa

18.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 24 ta' Awwissu 2016 at 2.00. p.m

Il-Laqgħa intemmet fis-4.45 p.m

**[Iffirmat]** **[Iffirmat]**

*Davina Sammut Hili*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*A. Segretarju Eżekuttiv*

Data: 24/08/16